# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024**

**Numru 7**

**Rikors Numru 723/21TA**

**Justin Fenech (K.I. Nru. 0051382(M))**
**vs**
**Saviour Attard (K.I. Nru. 0543758(M))**

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Justin Fenech (l-Attur) tat-22 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu qiegħed jippremetti u jitlob is-segwenti:

1. Illi nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta` Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), karozza tal-linja bin-numru tar-reġistrazzjoni BUS 645, li hija proprjeta` tas-soċjeta` intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited u li kienet misjuqa minn Savior Attard u assikurata mas-soċjeta` Mapfre Middlesea p.l.c baqgħet dieħla fil-proprjeta` tar-rikorrent, b` konsegwenza li laqtgħet il-propjeta` tar-rikorrent u ċioe `28/30, Triq Ħaż-Żabbar, Paola ("Dok A);

2. Illi tali inċident seħħ unikament minħabba t-traskuraġni, negliġenza u non osservanza tar-regoli viġenti da parti tal-intimat Saviour Attard;

3. Illi b` konsegwenza ta` dan l-inċident, ġew ikkawżati ħsarat u danni sostanzjali fuq il-proprjeta tar-rikorrent tant li li r-rikorrent flimkien ma` familtu kellhom joħorġu mill-propjeta` immedjatament sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji;

4. Illi minħabba dan, ir-rikorrent flimkien ma` familtu kellhom imorru jgħixu ġewwa proprjeta` bil-kera u għalhekk kellhom u għadhom sal lum jinkorru l-ispejjeż relattivi għall-istess;

5. Illi l-intimati diġa` ġew interpellati sabiex jersqu għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti, permezz ta` ittra uffiċjali Nru. 1560/2020 mibgħuta da parti tar-rikorrenti nhar is-16 ta` Ġunju 2020 (Dok B) u di fatti r-resposabbilita diġa ġiet ammessa u diġa` saru xi pagamenti a favur ir-rikorrenti;

6. Illi minkejja li r-responsabbilita` diġa ġiet ammessa mill-intimati tant li s-soċjeta` tal-assikurazzjoni Mapfre Middlesea p.l.c diġa għamlet xi pagamenti a favur ir-rikorrent, u x-xogħlijiet tat-tiswija bdew ukoll, kemm ix-xogħlijiet kif ukoll il-pagamenti a favur ir-rikorrent waqfu;

7. Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati sabiex ikomplu jħallsu għad-danni li għadu qed isofri r-rikorrent, kif ukoll biex ix-xogħlijiet fil-propjeta tiegħu jiġu kompluti, l-intimati baqgħu inadempjenti;

8. Illi sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, ir-rikorrent talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat ta` sekwestru bin-numru 987/2021 kontra l-intimati u dan in kawtela ta` ammont ta` danni sofferti mir-rikorrent fir-rigward tal-inċident suriferit, fejn l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kif diversament presjeduta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat il-ħruġ tal-mandat ta` sekwestru kontra l-intimati (DokC);

9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-inċident tat-23 ta` Jannar 2019 seħħ unikament minħabba t-raskuraġni, negliġenza u non osservanza tar-regoli viġenti da parti tal-intimant Saviour Attard;

2. Tiddikjara u tiddeċidi li konsegwenza tal-aġir tal-intimati, ir-rikorrent sofra danni konsiderevoli;

3. Tillikwida okkorendo permezz ta` periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrent;

4. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrent is-somma hekk likwidata skont it-tielet talba;

   Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Saviour Attard u ta' Malta Public Transport Services (Operations) Ltd (il-konvenut u Awtorita' konvenuta rispettivament) tal-24 ta' Awwissu 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi ma hemm ebda kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta' għall-inċident mertu tal-kawża odjerna kif inhuwa ben konoxxenti r-rikorrenti u għaldaqstant kwalunkwe spejjeż relatati ma dikjarazzjoni ta' responssabbilita ma għandhomx jiġu sapportati mill-intimati.

2. Illi n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet huwa limitat biss għall-kwantifikazzjoni ta' danni riżultanti mill-imsemmi inċident.

3. Illi r-rikorrenti ma ppruvax jimminimizza d-danni li sofra hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazjoni ta' dan il-każ.

4. Illi r-rikorrenti diġa tħallas dak illi kien dovut lilu in linea ta' danni sofferti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident mis-soċjeta' assigurattiva tal-intimati, u ċioe' Mapfre Middlesea plc, u l-ebda ammonti ulterjuti m'hu dovut illi jiġi mħallas lilu mill-intimati jew min minnhom jew mis-soċjeta' assigurattiva Mapfre Middlesea plc.

5. Illi kwalunkwe dewmien fix-xogħolijiet jew twaqqif tax-xogħlijiet, hekk kif isemmi r-rikorrenti f'punt 6 tar-rikors ġuramentat tiegħu, ċertament illi mhuwiex attribwibbli lill-intimati.

6. Illi konteswalment ma' din ir-risposta ġuramentata, l-intimati qegħdin jippreżentaw rikors għall-kjamata fil-kawża' ta' Attard Bros Co Ltd (C3599) li kienet ġiet inkarigata mir-rikorrenti sabiex twettaq xogħlijiet fil-proprjeta' tiegħu, u dan sabiex twieġeb direttament hi għal kwalsiasi dewmien fix-xogħlijiet jew twaqqif tal-istess xogħlijiet u danni riżultanti.

7. Illi b'referenza għall-punt 8 tar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inħareġ abbużivament mir-rikorrenti, stante illi l-istess rikorrenti kien ben konsapevoli illi kien hemm soċjeta' assigurattiva ai termini tal-Kap. 104 illi kienet qed tkopri kwalunkwe danni riżultanti mill-inċident mertu tal-kawża odjerna.

8. Illi fi kwalunkwe każ, r-rikorrenti irid jipprova d-danni illi huwa qiegħed jitlob u illi ġew realment sofferti minnu;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hu minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat l-Atti u dokumenti tal-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta' dawn il-proċedura.

Rat li din il-Kawża miexja mal-Kawża l-oħra bin-numru 737/21TA fl-ismijiet Citadel Insurance Plc -vs- Mapfre Middlesea Plc li ġiet deċiża wkoll illum stess.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Din il-kawża tirrigwarda inċident li fih kien involut il-konvenut Saviour Attard li kien is-sewwieq tal-bus fuq imsemmija. Citadel Insurance kienet topera mill-fond, 30, Żabbar Road, Paola, filwaqt li s-Soċjeta' Mapfre kienet is-Soċjeta' Assigurattriċi li tassigura lit-terz li wettaq il-ħsara fil-fond, minn fejn kienet topera s-Soċjeta' Citadel u kif ukoll fil-fond sovrastanti ta' l-Attur. Din il-ħsara ġiet ikkawżata minn vettura tat-trasport pubbliku tal-pjanċa numru

BUS 645 meta baqgħet dieħla fil-binja mertu tal-Kawża u kkawżat ħsarat konsiderevoli, tant li din il-binja kienet fil-perikolu ta' kroll.

Kif ingħad, din il-vettura, li dak in-nhar tal-inċident kienet tagħmel minnha l-Awtorita' konvenuta u misjuqa mill-konvenut, kienet assigurata mis-Soċjeta' Mapfre li ġiet issurrogata fid-drittijiet tax-xufier li jismu Saviour Attard. Il-Kawża bejn l-insurances ġiet deċiża llum stess kif ingħad aktar 'l fuq.

F'din il-Kawża l-Attur qiegħed ifittex għal dawk id-danni li sofra b'konsegwenza tal-inċident u li sallum għadu ma tħallasx tagħhom.

**Punti ta' liġi**

Mir-risposta ġuramentata tal-konvenuti jemerġi ċar li r-reponsabbilita' tal-inċident hija ammessa. Għalhekk din il-Kawża ser tkun limitata sabiex ikun deċiż l-ammont ta' danni sofferti mill-Attur b'konsegwenza tal-inċident, vertenza li ż-żewġ Soċjetajiet assiguratriċi baqgħu ma qablux dwarha. Minn żewġ Soċjetajiet ta' reputazzjoni tant tajba, din il-Qorti ma kinitx tippretendi li din il-kwistjoni kellha twassal s'hawn b'detriment għal terzi li ma kellhomx x'jaqsmu xejn ma dak li ġara.

Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jenunċja l-prinċipju kardinali li *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu".* (Ara **Sentenza ta' l-10 ta' Mejju, 2006 fl-ismijiet Vincent Curmi nomine -vs- Joseph u Sonia konjuġi Psaila Manche tal-Prim Awla Qorti Ċivili**).

Mad-daqqa t'għajn dan il-prinċipju huwa wieħed ċar daqs il-kristal, iżda meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-fatti għal dan il-prinċipju, il-kwistjoni tista' tirrendi lilha nniffisha f'eżerċizzju laburjuż.

**Konsiderazzjoni**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li, li kieku dak li xehed l-Attur fit-22 ta' Frar 2024 lejn it-tmiem tal-Kawża, ma kienx ikun hemm ħtieġa ta' ħafna xhieda li tressqet u ma kienx jintilef żmien inutli.

F'din is-seduta in kontroeżami l-Attur jgħid, li l-propjeta' m'għadhiex tiegħu għaliex trasferiha lil terzi xi sentejn mid-data li kien qiegħed jixhed fiha, jiġifieri fit-22 ta' Frar 2024, meta kien għad fadal xi xogħlijiet li jsiru fuq ġewwa. Iżda jgħid ukoll, li l-propjetarji l-ġodda għamlu x-xogħlijiet li kien fadal huma (a' fol 277). Jgħid ukoll li fil-kuntratt ta' trasferiment ma saret ebda referenza għal din il-Kawża (a' fol 279).

Meta mistoqsi x'kienu d-danni li qiegħed jitlob iwieġeb <u>prattikament il-kirjiet</u> (ibid). Wara l-bejgħ huwa ma xtarax post ieħor u għadu jgħix f'kirja (a' fol 279 tergo). Fil-prezz tal-bejgħ ma ħax in konsiderazzjoni ta' kemm ħallas kera u jaħseb li l-fond ġie valutat anqas għax kien għad baqalu xi xogħlijiet (a' fol 280). Il-Qorti eżaminat il-kuntratt ta' trasferiment imsemmi datat 18 ta' Jannar 2022 (a' fol 283). Huwa minnu, li f'dan il-kuntratt imkien ma hemm referenza għal xi kawżi pendenti u wisq anqas referenza għall-Kawża odjerna, anzi jingħad li la hemm kawżi u lanqas litigazzjoni.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimproverax lill-Attur li meta għamel dak li huwa jsejjaħ affidavit tiegħu, għaliex mhux maħluf, u li preżenta b'nota datata 23

ta' Frar 2022, il-fond kien diġa' inbiegħ u b'dana kollu ma semma' xejn dwar it-trasferiment tal-post (a' fol 56). Kieku għamel hekk, kien jevita ħafna spejjes u tul f'din il-kawża. Minflok, ħalla' l-Kawża tibqa' għaddejja billi nġiebu ħafna provi inutli ta' l-inqas fir-rigward ta' spejjes biex isiru l-finishings. Dan il-komportament ta' l-Attur ser jittieħed in konsiderazzjoni ai fini ta' spejjes.

Il-post inbiegħ għal mitejn u elfejn ewro (€202,000) u imkien ma hemm imniżżel li dan il-fond ġie valutat f'dan l-ammont peress li hemm xi ħsarat. Meta spint minn mistoqsija tal-Qorti, l-Attur jgħid li jaħseb li għalhekk ġie valutat għal dan l-ammont (a' fol 280). Bir-rispett lejn l-Attur, meta sar il-bejgħ huwa kien konsapevoli li hemm il-Kawża odjerna pendenti u jekk tassew il-prezz kien jirrifletti l-istat tal-post, dan messu indikaħ b'mod ċar fil-kuntratt. Bil-ħsieb biss ma nagħmlu xejn, u wara kollox jidher ċar, li bix-xhieda tiegħu fuq imsemmija, l-Attur qiegħed jillimita t-talba tiegħu għad-danni konsistenti fi ħlas ta' kera li kien kostrett li jħallas.

Kenneth Camilleri għal Mapfre jispjega wkoll, li Attard Brothers ma kinux komplew ix-xogħlijiet għaliex kienu qed jikkonsidraw ix-xogħlijiet bħala ħaġa waħda meta kienu żewġ claims separati u kien għad hemm pendenzi bejn iż-żewġ insurances (a' fol 217 tergo). F'ittra datata 2 ta' Ottubru 2019 l-Attur talab li jitħallas il-kera ta' tlett xhur u b'risposta datata 8 ta' Ottubru 2019 Kenneth wieġeb hekk:

"*Kindly note that this is the last payment which we shall be effecting in connection with the alternative accommodation*" (a' fol 120). Peress li l-

finishing works ma kinux għadhom lesti Kenneth Camilleri qallu hekk lill-Attur:

"*As already advised in our email of the 5th February we shall not be extending any further and alternative accommodation. We have been more than cooperative on this matter but now such situation has been stretched out of proportion and <u>consequently it's up to you now to sort the matter with Attard Bros Limited</u>*" (a' fol 125 Emfażi tal-Qorti). Dan jixhed li kien awtorizza lil Attrad Bros darbtejn biex jipproċedu bix-xogħlijiet ta' Justin Fenech.

Dan jgħid ukoll, li huma ma jsegwux jekk hux qed isiru x-xogħlijiet ta' tiswija. Kull ma jagħmlu huwa li jaqblu mal-quote li jkun hemm ta' xogħlijiet imbagħad sta għas-sid jew min sofra l-ħsara li jsegwi ma' min ikun qed jagħmillu x-xogħlijiet. Din kienet tweġiba għall-mistoqsija fil-kuntest ta' ħsarat f'karozza (a' fol 221 tergo u fol 222).

Il-Qorti tibda biex tirrileva li altru ħsarat f'karozza u altru ħsarat f'bini. Il-paragun mhux wieħed feliċi, għaliex il-ħsarat f'fond jistgħu jġibu danni konsegwenzjali aktar gravi, fost oħrajn, kirjiet ta' post alternattiv sakemm isiru x-xogħlijiet rimedjali, kif inhuwa l-każ.

Il-Qorti tfakkar li l-Attur ma kienx il-klijent tas-Soċjeta' assiguratriċi iżda kienu l-konvenuti. Kulħadd kien konsapevoli li l-Attur kellu jikri post ieħor, u għalkemm il-Qorti tikkonċedi li l-Attur kellu wkoll interess li jitlesta x-xogħol, min-naħa l-oħra, kemm is-Soċjeta' assiguratriċi u kif ukoll il-konvenuti,

kienu konsapevoli li aktar ma jdumu x-xogħlijiet akbar id-danni. Kellhom għalhekk l-akbar interess li jaraw li x-xogħlijiet mexjin.

Is-Soċjeta' Mapfre Middlesea targumenta li kien kollu tort tal-kuntrattur, għalkemm dan ta' l-aħħar jagħti verżjoni għal kollox differenti. Fil-fatt f'ittra tat-30 ta' Lulju 2020 Robert Mizzi għal Attrad Bros, f'ton xejn tolleranti, jgħid lis-Soċjeta' Citadel hekk:

"*Unfortunately during the course of this year we attempted to contact Citadel Insurance on a multiple occasions in order to commence with the* *finishing works* *(may I remind you that there was a disagreement between you and Middlesea concerning a number of approved works) however we were never provided a feedback on a way forward. We had also carried out an on-site meeting with both Citadel Insurance and Resolve Consulting, were Citadel had raised a number of issues with the quotation of Middlesea but unfortunatley we were never contacted again despite our ongoning efforts. I understand that this matter was never resolved between both insurances. We are also informed that Citadel Insurance were moving out of the premises and relocating their Paola Branch.* *In this regard please refrain from shifting the blame on Attard Bros* (a' fol 47 Emfażi tal-Qorti). Dan l-aġir ta' din is-Soċjeta' huwa konferma anke mis-sid tal-fond sottistanti meta tgħid li din qalatilha qalbha u tatha ċ-ċavetta f'Ġunju tal-2020 (ara a' fol 532 rikors 737/21TA fl-ismijiet Citadel Insurance Plc -vs- Mapfre Plc).

Għalhekk, min dan kollu, din il-Qorti ma taraha ħaġa sewwa xejn li s-Soċjeta' assiguratriċi tal-konvenuti tgħid lill-Attur biex jara hu ma' Attard

Bros, għaliex wara kollox huwa kien il-vittma u di pju ma kienx hu li ta l-inkarigu lil Attard Bros anke jekk dawn damu biex għamlu x-xogħlijiet. Għalkemm din il-Qorti trid tgħid ukoll li wara li eżaminat l-atti ma hiex konvinta sa barra li kienet din is-Soċjeta' li taħti għad-dewmien. Dan kien pjuttost dovut għad-diżgwid li kien hemm bejn iż-żewġ soċjetajiet assiguratriċi.

Imma aktar minn hekk Mapfre dejjem preżentat lilha nniffisha għall-ħlas lil Attard Brothers u għalkemm huwa minnu, li jidher li dawn kienu oriġinarjament ġew inkarigati minn Citadel Insurance Plc, f'xi ħin huma daħlu biex ikomplu fl-amministrazzjoni ta' dan l-inkarigu tant li l-Perit Bernard Farrugia ta' Resolve Contracting jixhed li "*Li niftakar huwa li f'punt wieħed filli Attard Brothers il-kuntrattur kien jikkordina mas-Citadel, mas-Citadel direttament, u mbagħad Mapfre bħala Insurance ta' Malta Public Transport, kienu ħadu over in-negozjati ma' Attard Brothers*" (a' fol 179).

Għalhekk f'dan il-kuntest, din il-Qorti jsostni wkoll, li sabiex ikunu riskontrati l-elementi taħt artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, lanqas huwa element meħtieġ ix-xjenza propja da parti ta' min jagħti l-inkarigu, dwar idonejita' jew kompetenza ta' min ikun ġie inkarigat.

Jista' jagħti l-każ li persuna inkarigata biex tesegwixxi x-xogħlijiet f'sens ġenerali hija kompetenti, iżda turi inkompetenza f'xi inkarigu partikulari li jirreka danni lit-terz. Skont din il-Qorti min jinkariga, xorta jibqa' reponsabbli abbażi tal-artikolu fuq ċitat.

Din ix-xorta ta' responsabbilita' hija meħtieġa biex l-Attur ma jimbarkax fuq xi spedizzjoni ta' riċerki dwar min materjalment wettaq ix-xogħol meta huwa jaf lill-benefiċċjarju ta' dak ix-xogħol u li jkun ta l-inkarigu. Jekk dan tal-aħħar jiġi misjub responsabbli għal danni kawżati minn kuntrattur minnu inkarigat, dan dejjem ser jibqgħalu d-dritt tar-rivalsa kontra l-kuntrattur għall-ħlas li jkun għamel b'konsegwenza tad-danni sofferti mit-terz (Ara **Sentenza tat-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet James Armeni et -vs- Anne Marie Carabott [mhux appellata]**) Kien propju għalhekk li din il-Qorti ċaħdet il-kjamata tas-Soċjeta' Attard Brothers Ltd (a' fol 250).

Għalhekk, il-kwistjoni dwar ir-responsabbilita' tal-kuntratt iridu jitrattawha bejniethom is-Soċjeta' li nkarigatu u dik assikuratriċi u mhux l-Attur li huwa estraneju għal dan kollu. Din il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni, li huma l-konvenuti li għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni li sofra l-Attur b'riserva għal kull azzjoni li talvolta s-Soċjeta' assikuratriċi tagħhom, jista' jkollha kif ingħad.

Hawn il-Qorti tfakkar, li r-responsabbilita' hija ammessa miż-żewġ konvenuti u li dawn id-danni, kif diġa' rilevat aktar 'l fuq, huma limitati għall-ħlas ta' kera għall-fond alternattiv li kellu jikri l-Attur. Li issa jrid ikun stabbilit kemm huma dawn id-danni u għandhomx jitħallsu kollha.

Ħaġa hija ċerta, li dawn id-danni ma jistgħux imorru oltre' it-18 ta' Jannar 2022. Din hija d-data meta l-Attur trasferixxa l-fond tiegħu. Minn dik id-data 'l quddiem, li jibqa' jgħix fil-kera kienet għażla tiegħu. Il-kuntratt ta' kera tal-Attur (bla data) kienet għal sitt xhur mill-25 ta' Jannar 2019 sal-24 ta' Lulju

2019 versu l-ħlas ta' elf ewro fix-xahar (a' fol 60). Il-pagamenti mill-Middlesea, A. €5500 (a' fol 69). B. €2650 (a' fol 68). Din il-kirja jidher li baqgħet tiġġedded anke kif jemerġi minn xi korrispondenza li ġiet esebita. Minn hemm 'l quddiem sa meta trasferixxa l-fond baqa' jgħix fil-kera.

F'ittra datata 2 ta' Ottubru 2019, l-Attur kiteb lis-Soċjeta' Mapfre hekk:

"*Good Morning Kenneth, at your convenience may I kindly ask you to transfer payments for next 3 months as per contract term*" (a' fol 120). Min-naħa tiegħu Kenneth Camilleri kif diġa' rilevat aktar 'l fuq dan qallu li "*this will be the last payment which we shall be effecting in connection with the alternative accommodation".*

Issa fl-atti ma hemm ebda prova li dak ma kienx l-aħħar pagament affetwat minn Mapfre. Dan ifisser, li Mapfre ħallsu tlett xhur mill-bidu ta' Ottubru 2019 jiġifieri sal-bidu ta' Jannar 2020. Għalhekk il-perjodu li qed nitkellmu dwaru huwa (mit-8 ta' Jannar 2020 (meta bejn wieħed u ieħor għalqu t-tlett xhur) u t-18 ta' Jannar 2022 (meta sar il-kuntratt ta' trasferiment tal-Attur). Il-Qorti ser tqies li b'kollox, elf ewro fix-xahar kera (skond kuntratt esebit) li jfisser erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000).

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal ittra tad-19 ta' Ġunju 2020 fejn Robert Mizzi ta' Attard Bros jelenka l-finishes li saru u jindika li kull ma għad kien fadal kienu "*installation of Balcony tiles and new parquet flooring in bedroom*" imma jgħidlu *"we are still awaiting your instruction and way forward on that* "(a' fol 242). Issa l-Qorti tħoss, li ma kien hemm xejn li jimpedixxi lill-Attur li jidħol jabita fil-post minkejja l-finishings li kien għad

kien fadal, anke jekk forsi għamel xi wħud minnhom kemm jirrendi l-fond abitabbli filwaqt li jżomm ferm li jitħallas għalihom u dan bl-iskop li jkunu minimizzati d-danni. Għalhekk, mill-ammont fuq imsemmi, l-Qorti ser tnaqqas 10% f'dan ir-rigward. Dan ifisser li l-ammont totali tad-danni jiġi għal wieħed u għoxrin elf u sitt mitt ewro (€21,600).

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel** talba Attriċi.

**Tilqa' il-bqija tat-talbiet** filwaqt li qed tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf u sitt mitt ewro (€21,600) u tikundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet mill-preżenti sentenza sal-pagament effettiv.

Fiċ-ċirkostanzi l-Attur għandu jħallas terz (1/3) ta' l-ispejjes tal-kawża filwaqt li l-konvenuti ż-żewġ terzi (2/3) l-oħra.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**